II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/473

tal-20 ta' Jannar 2020

li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards dwar il-bażijiet tad-*data* għaċ-ċertifikati ta' kwalifika tal-Unjoni, il-kotba tar-rekords tas-servizz u l-ġurnali ta' abbord

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali fin-navigazzjoni interna u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 91/672/KEE u 96/50/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 25(2) tagħha,

Billi:

(1) Biex tiġi ffaċilitata l-mobbiltà u jiġu żgurati s-sikurezza tan-navigazzjoni u l-protezzjoni tal-ħajja tal-bniedem u tal-ambjent, huwa essenzjali li l-membri tal-ekwipaġġ ikollhom ċertifikati li jagħtu prova tal-kwalifiki tagħhom. Biex jiksbu dawn iċ-ċertifikati, il-membri tal-ekwipaġġ jenħtieġ li jirreġistraw il-ħin tan-navigazzjoni tagħhom permezz ta' entrati validi fil-ktieb tar-rekords tas-servizz tagħhom, liema entrati jistgħu jiġu vverifikati mal-entrati fil-ġurnali ta' abbord tal-inġenji li l-membri tal-ekwipaġġ ikunu servew fuqhom.

(2) Biex id-Direttiva (UE) 2017/2397 tiġi implimentata kif xieraq u biex tiġi evitata l-frodi, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti li joħorġu ċertifikati skont dik id-Direttiva jiżguraw li, fi kwalunwe ħin, il-membri tal-ekwipaġġ ikollhom ċertifikat speċifiku wieħed biss. Fil-kuntest tal-identifikazzjoni ta' membru tal-ekwipaġġ, fejn rilevanti, jenħtieġ li jitqies ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(3) Biex jikkontribwixxu għall-amministrazzjoni effiċjenti taċ-ċertifikati ta' kwalifika tal-Unjoni, skont l-Artikolu 25(1) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 l-Istati Membri li joħorġu ċertifikati skont id-Direttiva (UE) 2017/2397 jenħtieġ li jistabbilixxu reġistri għar-reġistrazzjoni tad-*data* dwar iċ-ċertifikati ta' kwalifika tal-Unjoni, il-kotba tar-rekords tas-servizz u l-ġurnali ta' abbord kif ukoll dwar id-dokumenti rikonoxxuti skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva (UE) 2017/2397.

(4) Biex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni għall-finijiet tal-implimentazzjoni, tal-infurzar u tal-evalwazzjoni tad-Direttiva (UE) 2017/2397, kif ukoll għall-finijiet ta' statistika, għaż-żamma tas-sikurezza u għall-faċilità tan-navigazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu disponibbli/jinkludu *data* dwar dawk id-dokumenti u l-istatus tagħhom, bl-użu ta' bażi tad-*data* miżmuma mill-Kummissjoni.

(5) Għall-finijiet tal-istess objettivi, din il-bażi tad-*data* jenħtieġ li sservi wkoll biex tingħata informazzjoni dwar dokumenti rikonoxxuti skont l-Artikolu 10(2) jew (3) tad-Direttiva (UE) 2017/2397.

([1]) ĠU L 345, 27.12.2017, p. 53.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73). Ara wkoll ir-regolamenti ta' implimentazzjoni tiegħu, b'mod partikolari r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1501 tat-8 ta' Settembru 2015 dwar il-qafas tal-interoperabbiltà skont l-Artikolu 12(8) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

(6) Il-fatt li ċ-ċertifikati ta' kwalifika u l-kotba tar-rekords tas-servizz huma miżmuma mill-membri tal-ekwipaġġ filwaqt li l-ġurnal ta' abbord huwa marbut mal-inġenji jesiġi l-ġestjoni separata ta' dik id-*data* taħt żewġ oqfsa differenti. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li titqies l-eżistenza tal-Bażi tad-*Data* Ewropea dwar il-Buq stabbilita bid-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), li tinkludi informazzjoni dwar inġenji tal-passaġġi fuq l-ilma interni għall-użu tal-awtorità kompetenti.

(7) Jenħtieġ li jitqiesu b'mod xieraq l-ispeċifikazzjonijiet rilevanti tal-iskambju tad-*data* stabbiliti fid-dritt rilevanti tal-Unjoni, kif ukoll il-prinċipji u r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Gvern elettroniku għall-2016-2020 ([4]) u l-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà ([5]). Jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa wkoll biex, kemm jista' jkun, dawn l-ispeċifikazzjonijiet jibqgħu teknoloġikament newtrali u miftuħa għal teknoloġiji innovattivi. Il-prinċipju ta' "ta' darba biss" u dak ta' "interoperabbiltà b'mod awtomatiku" jenħtieġ li jiġu applikati.

(8) Kull meta l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament delegat jinvolvu l-ipproċessar tad-*data* personali, jenħtieġ li dan jitwettaq f'konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) fir-rigward tal-ipproċessar mill-Kummissjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) fir-rigward tal-ipproċessar mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

(9) L-Istati Membri, irrappreżentati mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti, jiddeterminaw l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-*data* personali fir-reġistri nazzjonali. Il-Kummissjoni, minħabba li żżomm il-bażi tad-*data* li qed tipprovdi s-soluzzjoni biex tiġi skambjata d-*data* fost l-Istati Membri, hija wkoll kontrollur. L-Istati Membri flimkien mal-Kummissjoni huma kontrolluri konġunti tad-*data* personali pproċessata fil-bażi tad-*data* tal-Unjoni. L-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2018/1725 jimponu obbligu fuq il-kontrolluri konġunti biex jistabbilixxu, b'mod trasparenti, ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom għall-konformità mal-obbligi skont dawk ir-Regolamenti. Dan ir-Regolament jiddetermina dawk ir-responsabbiltajiet rispettivi.

(10) Biex jiġu żgurati drittijiet ta' aċċess ugwali abbażi tar-Regolament (UE) 2016/679 u tar-Regolament (UE) 2018/1725, jenħtieġ li l-Kummissjoni titqies bħala l-kontrollur tad-*data* personali relatata mal-ġestjoni tad-drittijiet ta' aċċess għall-bażi tad-*data* tal-Unjoni.

(11) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

(12) Fl-interess tal-koerenza, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw b'mod ġenerali mill-istess data prevista għat-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2017/2397. Madankollu jenħtieġ li tkun prevista eċċezzjoni għad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-operat tal-bażi tad-*data* mill-Kummissjoni matul il-fażi tal-ittestjar u r-rwol tagħha bħala kontrollur għall-ipproċessar tad-drittijiet ta' aċċess,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistipula l-istandards li jistabbilixxu l-karatteristiċi u l-kundizzjonijiet għall-użu tal-bażijiet tad-*data* għaċ-ċertifikati ta' kwalifika tal-Unjoni, il-kotba tar-rekords tas-servizz u l-ġurnali ta' abbord maħruġa skont id-Direttiva (UE) 2017/2397 u għad-dokumenti rikonoxxuti skont l-Artikolu 10(2)-(3) tagħha.

([3]) Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252 16.9.2016, p. 118).

([4]) Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Gvern elettroniku għall-2016-2020 - Inħaffu t-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika - Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni (COM(2016) 179 final).

([5]) Il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà – L-Istrateġija ta' Implimentazzjoni, Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni (COM(2017)134).

([6]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

([7]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Bażi ta' *data* tal-Unjoni" tfisser il-bażi tad-*data* pprovduta mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 25(2) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 biex tiġi rreġistrata u skambjata *data* dwar ċertifikati ta' kwalifika u kotba tar-rekords tas-servizz imsemmija fl-Artikolu 25(1) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 u dwar ċertifikati ta' kwalifika u kotba tar-rekords tas-servizz rikonoxxuti skont l-Artikolu 10(3) tagħha;

(b) "Bażi tad-*data* Ewropea dwar il-buq (EHDB)" tfisser il-bażi tad-*data* pprovduta mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 25(2) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 biex tiġi rreġistrata u skambjata d-*data* dwar il-ġurnali ta' abbord imsemmija fl-Artikolu 25(1) ta' dik id-Direttiva;

(c) "Reġistri nazzjonali" tfisser ir-reġistri taċ-ċertifikati ta' kwalifika tal-Unjoni, tal-kotba tar-rekords tas-servizz u tal-ġurnali ta' abbord u, fejn rilevanti, tad-dokumenti rikonoxxuti skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva (UE) 2017/2397, li huma stabbiliti u miżmuma mill-Istati Membri skont l-Artikolu 25(1) ta' dik id-Direttiva;

(d) "numru ta' identifikazzjoni ta' membru tal-ekwipaġġ" (CID) tfisser numru ġġenerat mill-bażi tad-*data* tal-Unjoni li jidentifika membru tal-ekwipaġġ irreġistrat f'dik il-bażi tad-*data* u li huwa uniku għad-detentur;

(e) "Status 'attiv'" tfisser li ċ-ċertifikati ta' kwalifika u l-awtorizzazzjonijiet speċifiċi huma validi;

(f) "Status 'skadut'" tfisser li ċ-ċertifikati ta' kwalifika u l-awtorizzazzjonijiet speċifiċi ma għadhomx validi minħabba li l-perjodu ta' validità ntemm jew għaliex ġew sostitwiti b'ċertifikazzjoni ġdida ta' kwalifika jew b'awtorizzazzjoni ġdida speċifika wara li jkun hemm ħtieġa għal bidla fid-*data* amministrattiva jew wara li jintemm il-perjodu ta' validità;

(g) "Status 'sospiż'" tfisser li ċ-ċertifikati ta' kwalifika u l-awtorizzazzjonijiet speċifiċi ma għadhomx validi minħabba li ttieħdu miżuri mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva (UE) 2017/2397;

(h) "Status 'irtirat'" tfisser li ċ-ċertifikati ta' kwalifika u l-awtorizzazzjonijiet speċifiċi ma għadhomx validi minħabba li ttieħdu miżuri mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva (UE) 2017/2397;

(i) "Status 'mitluf'" tfisser li ċ-ċertifikati ta' kwalifika u l-awtorizzazzjonijiet speċifiċi jkunu ġew iddikjarati mitlufa lill-awtorità kompetenti;

(j) "Status 'misruq'" tfisser li ċ-ċertifikati ta' kwalifika u l-awtorizzazzjonijiet speċifiċi ġew iddikjarati misruqa lill-awtorità kompetenti;

(k) "Status 'meqrud'" tfisser li ċ-ċertifikati ta' kwalifika u l-awtorizzazzjonijiet speċifiċi ġew iddikjarati meqruda lill-awtorità kompetenti.

(l) "metadata" tfisser *data* pproċessata fil-bażi tad-*data* tal-Unjoni għall-finijiet tat-trażmissjoni jew tal-iskambju ta' kontenut ta' komunikazzjonijiet elettroniċi; inkluża *data* użata biex jiġu ttraċċati u identifikati s-sors u d-destinazzjoni ta' komunikazzjoni, *data* dwar fejn jinsab il-kontenut ta' komunikazzjoni elettronika, u d-data, il-ħin, it-tul u t-tip ta' komunikazzjoni.

Artikolu 3

Informazzjoni dwar iċ-ċertifikati ta' kwalifika u l-kotba tar-rekords tas-servizz

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-bażi tad-*data* tal-Unjoni. Hija għandha tieħu ħsieb il-ġestjoni tagħha skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I. Għandha tkun responsabbli għall-operazzjonijiet tekniċi tagħha u għall-manutenzjoni tagħha. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura l-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà tal-bażi tad-*data* tal-Unjoni.

2. L-Istati Membri li joħorġu ċertifikati skont id-Direttiva (UE) 2017/2397 għandhom jagħmlu disponibbli l-komunikazzjoni bejn magna u oħra għall-bażi tad-*data* tal-Unjoni r-reġistri msemmija fl-Artikolu 25(1) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 rigward id-*data* msemmija fl-Artikolu 25(1) tad-Direttiva (UE) 2017/2397.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, l-awtoritajiet kompetenti kollha tal-Istati Membri maħtura bħala kontrollur għad-*data* pproċessata fir-reġistri nazzjonali u l-Kummissjoni għandhom ikunu kontrolluri konġunti għall-ipproċessar tad-*data* personali fil-bażi tad-*data* tal-Unjoni. Ir-responsabbiltajiet għandhom jiġu allokati bejn il-kontrolluri konġunti skont l-Anness III.

4. Il-Kummissjoni għandha titqies bħala kontrollur għall-ipproċessar tad-*data* personali meħtieġa għall-għoti u l-ġestjoni tad-drittijiet ta' aċċess għall-bażi tad-*data* tal-Unjoni.

Artikolu 4

Informazzjoni dwar il-ġurnali ta' abbord

1. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw id-*data* dwar il-ġurnali ta' abbord imsemmija fl-Artikolu 25(1) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 fl-EHDB,

2. Il-kundizzjonijiet għall-użu tal-EHDB għall-fini tar-reġistrazzjoni tad-*data* relatata mal-ġurnali ta' abbord skont l-Artikolu 25(2) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 huma stabbiliti fl-Anness II.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-18 ta' Jannar 2022, għajr għall-Artikoli 3(1) u (4) tiegħu, li għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament delegat għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Jannar 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Rekwiżiti għall-bażi tad-*data* tal-Unjoni

1. **Ġenerali**

1.1. Il-bażi tad-*data* tal-Unjoni għandha tipprovdi ħarsa ġenerali kkonsolidata tad-*data* fiċ-ċertifikati ta' kwalifika u l-kotba tar-rekords tas-servizz imsemmija fl-Artikolu 25(1) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 li jinżammu fir-reġistri nazzjonali tal-Istati Membri stabbiliti u miżmuma skont l-Artikolu 25(1) ta' dik id-Direttiva.

1.2. Il-bażi tad-*data* tal-Unjoni għandha tipprovdi wkoll informazzjoni dwar iċ-ċertifikati ta' kwalifika u l-kotba tar-rekords tas-servizz rikonoxxuti skont l-Artikolu 10(2) jew 10(3) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 meta l-Kummissjoni tkun tat aċċess għaliha lil awtorità ta' pajjiż terz, skont l-Artikolu 25(4) tad-Direttiva (UE) 2017/2397.

1.3. Il-bażi tad-*data* tal-Unjoni għandha tipprovdi interfaċċa tal-utent ("il-portal web tal-bażi tad-*data* tal-Unjoni") li permezz tagħha l-utenti awtorizzati jkunu jistgħu jaċċessaw id-*data* f'konformità mad-drittijiet ta' aċċess tagħhom.

2. **L-utenti u d-drittijiet ta' aċċess**

2.1. Il-Kummissjoni għandha tagħti d-drittijiet ta' aċċess lill-utenti individwali li jikkorrispondu mal-profili ta' utenti stabbiliti fit-Tabella 1, abbażi ta' lista pprovduta mill-Istati Membri.

2.2. Il-Kummissjoni tista' wkoll tagħti aċċess għall-bażi tad-*data* tal-Unjoni lil organizzazzjonijiet u awtoritajiet internazzjonali ta' pajjiż terz, f'konformità mal-Artikolu 25(4) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 u, b'mod partikolari, dment li r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2018/1725 ikunu ssodisfati. Il-profili ta' utenti msemmija fit-Tabella 1 jew id-drittijiet ta' aċċess tagħhom jistgħu jiġu limitati skont ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni tad-*data* personali tal-persuni fiżiċi.

Tabella 1.

Profili ta' utenti	Definizzjonijiet	Drittijiet ta' aċċess
Awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni	Awtoritajiet kompetenti maħtura biex joħorġu, iġeddu jew jirtiraw ċertifikati ta' kwalifika, awtorizzazzjonijiet speċifiċi u kotba tar-rekords tas-servizz imsemmija fl-Artikolu 26 tad-Direttiva (UE) 2017/2397.	Qari u kitba fir-rigward tal-funzjonalitajiet 3.1 sa 3.5.
Awtoritajiet responsabbli mis-sospensjoni	Utenti awtorizzati fl-awtoritajiet kompetenti responsabbli mis-sospensjoni ta' ċertifikati ta' kwalifika u ta' awtorizzazzjonijiet speċifiċi msemmija fl-Artikolu 26 tad-Direttiva (UE) 2017/2397.	Qari u kitba fir-rigward tal-funzjonalitajiet 3.3 u 3.4.
Awtoritajiet ta' infurzar	Utenti awtorizzati fl-awtoritajiet kompetenti responsabbli biex jikxfu u jiġġieldu kontra l-frodi u l-prattiki illegali msemmija fl-Artikolu 26 tad-Direttiva (UE) 2017/2397.	Qari biss fir-rigward tal-funzjonalitajiet 3.1, 3.2., 3.3. u 3.5.
Depożitarji tar-reġistri	Utenti awtorizzati fl-awtoritajiet kompetenti maħtura biex iżommu r-reġistri msemmija fl-Artikolu 26 tad-Direttiva (UE) 2017/2397.	Qari u kitba fir-rigward tal-funzjonalitajiet 3.1 sa 3.5 jekk mhux eżerċitati minn awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni jew awtoritajiet responsabbli mis-sospensjoni

Profili ta' utenti	Definizzjonijiet	Drittijiet ta' aċċess
Uffiċċji tal-istatistika	Utenti awtorizzati f'uffiċċji nazzjonali jew internazzjonali responsabbli mill-ġbir tad-*data* statistika.	Qari biss fir-rigward tal-funzjonalità 3.5.
Organizzazzjonijiet internazzjonali	Utenti awtorizzati f'organizzazzjonijiet internazzjonali li jkunu ngħataw aċċess skont l-Artikolu 25(4) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 u l-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2018/1725.	Aċċess ta' qari biss li għandu jiġi determinat fir-rigward tal-funzjonalitajiet 3.2., 3.3. u 3.5. skont ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi u l-konformità ma' dan ir-Regolament
Awtoritajiet minn pajjiżi terzi	Utenti awtorizzati f'awtoritajiet kompetenti minn pajjiżi terzi li jkunu ngħataw aċċess skont l-Artikolu 25(4) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 u l-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2018/1725.	Għandu jiġi determinat fir-rigward tal-funzjonalitajiet 3.1. sa 3.5. skont ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi u l-konformità ma' dan ir-Regolament
Il-Kummissjoni	Utenti awtorizzati tal-persunal tal-Kummissjoni 1. responsabbli miż-żamma tal-bażi tad-*data* tal-Unjoni jew 2. responsabbli mill-politiki dwar in-navigazzjoni interna.	— Fornitur ta' soluzzjonijiet tekniċi għall-funzjonalitajiet kollha; — Qari biss fir-rigward tal-funzjonalità 3.5.

3. **Funzjonalitajiet**

Il-funzjonalitajiet li ġejjin, għandhom jiġu pprovduti permezz tal-bażi tad-*data* tal-Unjoni:

3.1. Verifika tar-reġistrazzjoni tal-membru tal-ekwipaġġ fil-bażi tad-*data* tal-Unjoni:

Il-bażi tad-*data* tal-Unjoni għandha tippermetti lill-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni u ta' infurzar biex jivverifikaw jekk membru tal-ekwipaġġ ikunx diġà rreġistrat fis-sistema. Dan għandu jsir jew abbażi tan-numru ta' identifikazzjoni ta' membru tal-ekwipaġġ (CID) jew tad-*data* li tinsab f'dokument tal-identità pprovdut mill-membru tal-ekwipaġġ. Fil-każ ta' servizzi online, l-identifikazzjoni ta' membru tal-ekwipaġġ għandha ssir bl-appoġġ tas-sett tad-*data* kif stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2015/1501.

Dment li wara tfittxija fis-sistema minn awtorità taċ-ċertifikazzjoni, ma tinsab l-ebda persuna b'sett tad-*data* simili, il-membru tal-ekwipaġġ għandu jiġi rreġistrat fis-sistema.

3.2. Konsultazzjoni tad-*data* dwar ċertifikati ta' kwalifika u kotba tar-rekords tas-servizz:

Il-bażi tad-*data* tal-Unjoni għandha tipprovdi aċċess għall-qari tad-*data* dwar ċertifikati ta' kwalifika u kotba tar-rekords tas-servizz kif magħmula disponibbli mir-reġistri nazzjonali.

3.3. Konsultazzjoni u modifika tal-istatus taċ-ċertifikati ta' kwalifika:

Il-bażi tad-*data* tal-Unjoni għandha tipprovdi aċċess għall-qari tad-*data* dwar l-istatus ta' ċertifikati ta' kwalifika u aċċess għall-kitba għar-reġistrazzjoni ta' sospensjoni ta' ċertifikat ta' kwalifika fil-bażi tad-*data* tal-Unjoni.

L-istatus standard taċ-ċertifikati huma dawn li ġejjin: "attiv", "skadut", "sospiż", "irtirat", "mitluf", "misruq" jew "meqrud".

3.4. Trażmissjoni u wasla ta' notifika:

Il-bażi tad-*data* tal-Unjoni għandha tippermetti li l-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni u l-awtoritajiet responsabbli missospensjonijiet jiġu nnotifikati dwar modifiki jew dwar talbiet fir-reġistri li jikkonċernaw ċertifikati ta' kwalifika jew awtorizzazzjoni speċifika li huma jkunu ħarġu jew issospendew.

3.5. Ġenerazzjoni tal-istatistika:

Il-bażi tad-*data* tal-Unjoni għandu jkun fiha funzjonijiet li jipprovdu *data* għall-utenti awtorizzati biex iwettqu tfittxijiet għall-finijiet ta' statistika.

3.6. Aġġornament tal-metadata:

Il-Kummissjoni għandha taġġorna l-metadata tal-bażi tad-*data* tal-Unjoni meta tiġi notifikata dwar kwalunkwe modifika ta' *data* korrispondenti f'reġistru nazzjonali.

3.7. Informazzjoni dwar tranżazzjoni mhux kompluta:

F'każ li s-sistema ma tkunx tista' tagħmel tranżazzjoni kompluta, dan il-fatt u r-raġuni għalih għandhom jiġu nnotifikati lill-utent rilevanti. It-talba jew id-*data* għandhom jiġu bbaferjati temporanjament fil-bażi tad-*data* tal-Unjoni u t-tranżazzjoni għandha tiġi ripetuta awtomatikament sakemm jiġi indirizzat l-iżball jew in-nuqqas u sakemm it-tranżazzjoni tkun kompluta.

3.8. Ġestjoni tal-aċċess tal-utent:

L-utenti għandhom jaċċessaw il-bażi tad-*data* tal-Unjoni permezz tas-servizz ta' awtentikazzjoni tal-Kummissjoni (EU Login).

3.9. Il-monitoraġġ ta' logins u ta' tranżazzjonijiet:

Il-bażi tad-*data* tal-Unjoni għandha tirreġistra l-informazzjoni kollha dwar il-logins u t-tranżazzjonijiet għall-finijiet ta' monitoraġġ u ta' debugging u tippermetti l-ġenerazzjoni tal-istatistika dwar dawn il-logins u tranżazzjonijiet għall-ipproċessar mis-servizzi tal-Kummissjoni.

4. **Id-*data* tal-bażi tad-*data* tal-Unjoni**

4.1. Sabiex il-bażi tad-*data* tal-Unjoni twettaq il-funzjonalitajiet tagħha, fiha għandha tinżamm id-*data* li ġejja:

(a) metadata ta' routing;

(b) tabelli tad-drittijiet ta' aċċess;

(c) CIDs bi:

(i) il-lista ta' tipi ta' ċertifikati u ta' awtorizzazzjonijiet speċifiċi tad-detentur, bl-awtorità tal-ħruġ u l-istatus rispettivi tagħhom;

(ii) in-numru tas-serje tal-ktieb tar-rekords tas-servizz attiv tad-detentur, fejn rilevanti;

(iii) l-indikatur tar-reġistru nazzjonali li jospita d-*data* l-aktar reċenti relatata mal-identità personali tad-detentur.

4.2. Il-bażi tad-*data* tal-Unjoni tista' wkoll iżżomm id-*data* msemmija fl-Artikolu 25 tad-Direttiva (UE) 2017/2397 għal ċertifikati ta' kwalifika u kotba tar-rekords tas-servizz rikonoxxuti skont l-Artikolu 10(3) meta l-Kummissjoni tkun irrifjutat l-aċċess lil awtorità ta' pajjiż terz, skont l-Artikolu 25(4) tad-Direttiva (UE) 2017/2397.

5. **Komunikazzjoni bejn il-bażi tad-*data* tal-Unjoni u r-reġistri**

5.1. Il-konnessjoni bejn il-bażi tad-*data* tal-Unjoni u r-reġistri nazzjonali għandha tkun ibbażata fuq is-servizz elettroniku ta' konsenja reġistrat (CEF eDelivery) sigur tal-Kummissjoni.

5.2. L-iskambju ta' informazzjoni għandu jkun ibbażat fuq metodi standard ta' strutturar tad-*data* u għandu jiġi espress f'format XML.

5.3. Is-servizz għandu jkun disponibbli 24/7, b'rata ta' disponibbiltà tas-sistema ta' mill-inqas 98 % eskluża l-manutenzjoni skedata.

6. ***Data* ta' referenza tal-bażi tad-*data* tal-Unjoni**

6.1. Id-*data* ta' referenza (bħal listi ta' kodiċijiet, vokabularji kkontrollati u glossarji) għandha tinżamm fis-Sistema Ewropea ta' Ġestjoni ta' *Data* ta' Referenza (ERDMS), inkluż, fejn rilevanti, it-traduzzjoni fil-lingwi uffiċjali tal-UE.

7. **Protezzjoni tad-*data* personali**

7.1. Kwalunkwe pproċessar tad-*data* personali mill-utenti awtorizzati fl-Istati Membri għandu jsir f'konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

7.2. Il-Kummissjoni għandha twettaq l-ipproċessar kollu tad-*data* personali previst f'dan ir-Regolament skont ir-Regolament (UE) 2018/1725.

7.3. Id-*data* personali msemmija fl-Artikolu 25(1) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 għandha tiġi aċċessata u pproċessata biss għall-eżekuzzjoni tal-funzjonalitajiet imsemmija fit-taqsima 3 u mill-utenti awtorizzati.

7.4. Id-*data* personali msemmija fit-taqsima 4 ma għandhiex tinħażen fil-bażi tad-*data* tal-Unjoni għal żmien itwal minn dak meħtieġ għall-finijiet li għalihom tiġi pproċessata d-*data* personali u mhux wara l-irtirar tal-membri tal-ekwipaġġ. Il-lista ta' tipi ta' ċertifikati u ta' awtorizzazz7jonijiet speċifiċi tad-detentur ma għandhiex tinkludi dawk iċ-ċertifikati u l-awtorizzazzjonijiet li jkunu skadew, li jkunu ġew irtirati jew meqruda, jew li jkunu ġew iddikjarati mitlufa jew misruqa, ladarba jkunu ġew sostitwiti b'ċertifikat ġdid jew awtorizzazzjoni ġdida.

7.5. Id-*data* personali pproċessata għall-fini tal-funzjonalità deskritta fil-punt 3.9. ma għandhiex tinżamm fil-bażi tad-*data* tal-Unjoni għal aktar minn sitt (6) xhur.

7.6. Id-*data* personali għajr dik imsemmija fil-punti 7.4. u 7.5. ma għandhiex tinżamm fil-bażi tad-*data* tal-Unjoni għal aktar minn kemm ikun strettament meħtieġ biex it-tranżazzjoni tiġi kompluta.

7.7. Id-*data* disponibbli għal skopijiet ta' statistika għandha tiġi anonimizzata u aggregata. L-informazzjoni statistika li tkun ġiet debitament anonimizzata u aggregata tista' tinżamm indefinittivament.

8. **Punti ta' kuntatt uniċi**

8.1. Għall-finijiet relatati mal-operat tal-bażi tad-*data* tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha żżomm kuntatt mal-Istati Membri permezz ta' punt ta' kuntatt uniku maħtur minn kull Stat Membru fost l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 26(g) tad-Direttiva (UE) 2017/2397.

ANNESS II

Rekwiżiti għall-operat tal-Bażi tad-*Data* Ewropea dwar il-Buq (EHDB) għal informazzjoni dwar il-ġurnal ta' abbord

1. Id-*data* relatata mal-ġurnali ta' abbord għandha tiġi aċċessata u pproċessata biss mill-utenti awtorizzati msemmija fit-Tabella 1.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħti drittijiet ta' aċċess lill-utenti li jikkorrispondu mal-profili ta' utenti stabbiliti fit-Tabella 1, abbażi ta' lista pprovduta mill-Istati Membri permezz tal-punti ta' kuntatt uniku msemmija fir-Regolament Delegat 2020/474 ([1]), kif ukoll lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-awtoritajiet ta' pajjiż terz, skont l-Artikolu 25(4) tad-Direttiva (UE) 2017/2397.

3. Għandhom japplikaw l-istruzzjonijiet tal-Anness III u l-Anness IV dwar l-aċċess sħiħ u l-aċċess għall-qari biss u l-ipproċessar tad-*data* fl-EHDB tar-Regolament Delegat 2020/474 dwar l-EHDB.

4. Kwalunkwe pproċessar tad-*data* personali minn utenti awtorizzati għandu jsir f'konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

5. Il-Kummissjoni għandha twettaq l-ipproċessar kollu tad-*data* personali previst f'dan ir-Regolament skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Tabella 1.

Profili ta' utenti	Definizzjonijiet	Drittijiet ta' aċċess
Awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni	Utenti awtorizzati fl-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-ħruġ tal-ġurnali ta' abbord skont l-Artikolu 26 tad-Direttiva (UE) 2017/2397.	Aċċess sħiħ
Awtoritajiet ta' infurzar	Utenti awtorizzati fl-awtoritajiet kompetenti responsabbli biex jikxfu u jiġġieldu kontra l-frodi u l-prattiki illegali skont l-Artikolu 26 tad-Direttiva (UE) 2017/2397.	Qari biss
Uffiċċji tal-istatistika	Utenti awtorizzati f'uffiċċji nazzjonali jew internazzjonali responsabbli mill-ġbir tad-*data* statistika.	Qari biss
Organizzazzjonijiet internazzjonali	Utenti awtorizzati f'organizzazzjonijiet internazzjonali li jkunu ngħataw aċċess għall-EHDB skont l-Artikolu 25 (4) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 u l-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2018/1725.	Aċċess għall-qari biss li għandu jiġi determinat skont ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi
Awtoritajiet minn pajjiżi terzi	Utenti awtorizzati f'awtoritajiet kompetenti minn pajjiżi terżi li jkunu ngħataw aċċess skont l-Artikolu 25(4) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 u l-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2018/1725.	Għandu jiġi determinat skont ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi

([1]) Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/474 tal-20 ta' Jannar 2020 dwar il-Bażi tad-Data Ewropea dwar il-Buq (ĠU L 100, 1.4.2020, p. 12).

ANNESS III

Allokazzjoni tar-responsabbiltajiet bejn il-kontrolluri konġunti

1. L-Istati Membri, irrappreżentati mill-awtoritajiet kompetenti, jiddeterminaw l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-*data* personali fir-reġistri nazzjonali. Il-Kummissjoni, li żżomm/tieħu ħsieb il-ġestjoni tal-bażi tad-*data* tal-Unjoni u tipprovdi għall-iskambju ta' *data* bejn l-Istati Membri, hija wkoll kontrollur. L-Istati Membri u l-Kummissjoni huma kontrolluri konġunti għall-ipproċessar tad-*data* personali fil-bażi tad-*data* tal-UE.

2. Kull wieħed mill-kontrolluri konġunti għandu jikkonforma mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali li għaliha huwa soġġett il-kontrollur rispettiv.

3. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli milli:

   (a) tiżgura li l-bażi ta'*data* tal-Unjoni tikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli għas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni tal-Kummissjoni, inklużi dawk dwar il-protezzjoni tad-*data* personali u l-applikazzjoni ta' regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* dwar is-sigurtà tal-ipproċessar ([1]). Il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tar-riskju tas-sigurtà tal-informazzjoni u tiżgura livell xieraq ta' sigurtà;

   (b) tirrispondi għat-talbiet tas-suġġetti tad-*data* indirizzati direttament lilha fir-rigward tal-bażi tad-*data* tal-Unjoni u tippubblika avviż ta' informazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* biex tissodisfa r-rekwiżiti ta' informazzjoni. Fejn xieraq u b'mod partikolari meta t-talba tikkonċerna r-rettifika u t-tħassir tad-*data* personali, il-Kummissjoni għandha tressaq it-talba tas-suġġett tad-*data* lill-punt(i) ta' kuntatt uniku/uniċi rilevanti li għandu/għandhom jindirizzaha/jindirizzawha. F'każijiet fejn it-talba tkun indirizzata direttament lill-Kummissjoni, din għandha tinforma lis-suġġett tad-*data* dwar is-segwitu li jingħata għat-talba;

   (c) tikkomunika kwalunkwe ksur tad-*data* personali fil-bażi tad-*data* tal-Unjoni lill-punti ta' kuntatt uniċi msemmija fit-taqsima 8.1. tal-Anness I, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* u lill-individwi rilevanti meta jkun hemm riskju għoli f'konformità mal-Artikoli 34 u 35 tar-Regolament (UE) 1725/2018;

   (d) tidentifika l-kategoriji tal-persunal u ta' individwi oħra li lilhom jista' jingħata aċċess għall-bażi tad-*data* tal-Unjoni u tiżgura li l-aċċess minn dawk kollha kkonċernati jkun konformi mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data*;

   (e) tiżgura li l-persunal tal-Kummissjoni li jkollu aċċess għad-*data* personali tal-membri tal-ekwipaġġ fil-bażi tad-*data* tal-Unjoni jkun imħarreġ kif xieraq biex tiżgura li dak il-persunal iwettaq il-kompiti tiegħu f'konformità mar-regoli applikabbli għall-protezzjoni tad-*data* personali, u li jkun soġġett għall-obbligu ta' segretezza professjonali skont id-dritt tal-Unjoni.

4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli milli:

   (a) jiġbru u jipproċessaw id-*data* personali tal-applikanti, u jipproċessaw id-*data* personali li jiksbu minn/jiskambjaw permezz tal-bażi tad-*data* tal-Unjoni. Il-ġbir u l-ipproċessar tad-*data* personali għandhom isiru f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, b'mod partikolari biex jiġi żgurat il-ġbir legali tad-*data*, tiġi pprovduta informazzjoni xierqa, tinżamm id-*data* preċiża (inkluż it-tħassir tad-*data* jew profili skaduti, fejn rilevanti) u tiġi żgurata s-sigurtà xierqa tad-*data* fir-reġistru/i nazzjonali.

   (b) jaġixxu bħala l-punt ta' kuntatt għall-membri tal-ekwipaġġ, inkluż meta jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, filwaqt li jwieġbu għat-talbiet tal-membri tal-ekwipaġġ u jiżguraw li l-membri tal-ekwipaġġ li d-*data* tagħhom tiġi pproċessata permezz tal-bażi tad-*data* tal-Unjoni u r-reġistri nazzjonali jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom f'konformità mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*. F'dan il-kuntest, huma għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħrajn permezz tal-punti ta' kuntatt uniċi u mal-Kummissjoni biex jiġu indirizzati b'mod xieraq it-talbiet tas-suġġetti tad-*data* indirizzati lilha, lil Stati Membri oħra jew lill-Kummissjoni. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jkunu rċevew it-talba tas-suġġett tad-*data* għandhom jinfurmaw lis-suġġett tad-*data* dwar is-segwitu li jingħata għat-talba;

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13.12.2017 li tistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għall-Artikoli 3, 5, 7, 8, 9, 10, 11, 12, 14, 15 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46 dwar is-sigurtà tas-sistemi tal-komunikazzjoni u tal-informazzjoni fil-Kummissjoni (ĠU L 6, 11.1.2017, p. 40).

(c) jikkomunikaw kwalunkwe ksur tad-*data* personali fir-rigward tad-*data* tal-membri tal-ekwipaġġ ipproċessata permezz tal-bażi tad-*data* tal-Unjoni lill-Kummissjoni, lill-punt ta' kuntatt uniku msemmi fit-taqsima 8.1. tal-Anness I, lill-awtorità superviżorja kompetenti fil-livell nazzjonali u, fejn meħtieġ, lill-membri tal-ekwipaġġ rilevanti, f'konformità mal-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (UE) 2016/679 jew jekk mitlub mill-Kummissjoni;

(d) jidentifikaw, f'konformità mad-drittijiet ta' aċċess lill-utenti li jikkorrispondu mal-profili ta' utenti stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness I, il-persunal li għandu jingħata aċċess għad-*data* personali tal-membri tal-ekwipaġġ fil-bażi tad-*data* tal-Unjoni u li jikkomunika din id-*data* lill-Kummissjoni;

(e) jiżguraw li l-persunal tagħhom li jkollu aċċess għad-*data* personali tal-membri tal-ekwipaġġ fil-bażi ta'*data* tal-Unjoni jkun imħarreġ kif xieraq biex jiżgura li dak il-persunal iwettaq il-kompiti tiegħu f'konformità mar-regoli applikabbli għall-protezzjoni tad-*data* personali, u li jkun soġġett għall-obbligu ta' segretezza professjonali skont id-dritt jew ir-regoli nazzjonali stabbiliti mill-awtorità kompetenti nazzjonali.